MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 475/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Nazzareno Bianco ta’ 65 sena, iben il-mejtin Carmel u Grace nee’ Psaila imwieled il-Hamrun fl-20 ta’ Lulju 1946 u residenti gewwa l-fond 44F Triq San Bernard, Marsa u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 618746(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Nazzareno Bianco li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-13 ta’ Novembru 2009 u matul ix-xhur ta’ qabel gewwa il-fond numru 44F, Triq San Bernard, il-Marsa:

1. B’diversi atti maghmula minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda u cioe’ ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Christine Bianco u dana bi ksur ta’l-artikolu 202(h)(v)(vii) u 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Christine Bianco, b’mod li kien jaf jew li kien messu li kien jaf li dan kien ta fastidju ghal Christine Bianco u dana bi ksur ta’l-artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Christine Bianco tibza li ser tintuza vjolenza kontrieha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tkun hatja ta’ reat jekk hija tkun taf jew messha tkun taf li l-imgieba taghha ser tikkaguna lil xi haddiehor hekk jibza kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet, u dana bi ksur ta’l-artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-1 ta’ April 2011 sabiex dana il-kaz jigi itrattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi dana l-kaz jara l-bidu tieghu f’rapport li kien sar mill-parti leza Christine Bianco kontra missier ir-ragel taghha u cioe’ l-imputat. Mill-provi akkwiziti jirrizulta illi Christine Bianco u zewgha Horace kienu ilhom ighixu mal-imputat u martu ghal madwar sena u ftit xhur. Wara certu zmien l-parti leza tallega illi l-imputat beda jaghtiha fastidju sesswali u dana meta huma kienu jispiccaw wahedhom fid-dar. Hija tghid illi kienet tkun fil-kcina tipprepara l-ikel

jew taghmel xi facendi meta l-imputat kien jittantaha billi jipprova ibusha f'diversi postijiet fosthom spallitha u hugbejha u anke kien hemm okkazzjonijiet fejn messha fuq sidirha u il-warrani taghha. Hija kienet twaqqfu u tghidlu biex jiddesisti minn dawn l-azzjonijiet u kienet anke theddu li kienet ser tikxfu ma' zewgha li jigi ibnu. Tirrakonta illi kien hemm okkazzjoni meta huwa kien offrielha xi flus biex izzomm halqaha maghluq, izda hija ma accettathomx. Dawn l-episodji baqghu ghaddejjin ghal madwar tlett xhur, meta hija ma setatx tkompli tissaporti dina is-sitwazzjoi u fethet qalbha mal-Probation Officer Mariella Camilleri li ghamlet xi zmien issegwi
lil zewgha wara sentenza tal-Qorti. Fuq parir ta'l-istess Probation Officer ghalhekk hija gharrfet lil zewgha b'dak li kien qed jigri u flimkien iddecidew li jitilqu minnufih mir-residenza ta'l-imputat. Dana sehh wara li kien sar ir-rapport mal-pulizija.

Illi l-imputat kemm fl-istqarrijiet li jirrilaxxja lill-pulizija kif ukoll meta jixhed quddiem il-Qorti jichad kategorikament illi huwa qatt ta fastidju lil mara tat-tifel tieghu. Ighid illi kien hemm disgwid bejnu u bejn ibnu izda huwa kien iddecieda li jospithom gewwa daru ghal xi zmien peress illi ma kellhomx fejn joqghodu. Ighid illi huwa dejjem laqaghhom gewwa daru u kien jara li ma jonqoshom xejn.

Il-Qorti ghalhekk hija rinfaccajat b'zewg verzjonijiet konfliggenti, dik ta'l-imputat u dik tal-parti leza. Il-parti leza minn naha taghha tibqa' issostni illi l-abbuz sehh, filwaqt li l-imputat jichad kategorikament illi huwa ghamel dak li dwaru jinsab akkuzat. Ix-xhieda tal-Probation Officer Mariella Camilleri li hija xhud indipendenti, titfa' dawl fuq dak li sehh realment *a tempo vergine*. Hija tikkontendi illi kienet l-ewwel persuna li maghha Chritine Bianco fethet qalbha. Kienet ghadha ma qalitx lil zewgha b'dak kollu li kien qed jigri bejna u missieru. Kienet qed tibza taghmel dan minhabba ir-reazzjoni kemm tieghu kif ukoll ta'l-imputat iktar u iktar meta wiehed iqies illi huma kienu qed ighixu taht l-istess saqaf mieghu. Mariella Camilleri tiddeskrivi l-istat emmozjonali li kienet tinsab fih Christine Bianco meta kelmitha fuq dana l-abbuz. Fil-fatt dina l-Probation Officer tghid illi kellha tibqa' tahdem ma'

Christine minhabba t-trawma psikologika li ghaddiet minnha. Meta mistoqsija direttament minn din il-Qorti jekk dina l-istorja setatx giet ivvintata bhala vendikazzjoni jew b'forma ta' tpattija, hija twiegeb hekk:

"**L-opinjoni tieghi hi illi zgur li le, zgur li le. Wahda mill-aktar affarijiet illi kienet difficli hija biex nghidu l-ahbar lir-ragel taghha infatti u hi l-istat li kienet fih ma kenitx fi stat imaginattiv, li ha tohloq xi haga extra apparti dak li gara, jigifieri**."[1]

Fix-xhieda taghha tghid ukoll:

"**din is-sitwazzjoni ikkawzat trawma go fiha, trawma li ghadha tinhass sal-lum, jigifieri affettwatilha hajjitha b'mod drastiku. Ma kenitx**
**ghaddiet minn xi haga simili, pero' ma kenitx taf tihhendiljaha s-sitwazzjoni, fis-sens illi kienet tibza minhabba li hija kwistjoni ta' familja wkoll, allura eventwalment qaltli kienet qieghda breaking point u anke kelli nahdem ftit maghha wkoll biex nerga' nghinha tikseb is-self esteem taghha li kienet spiccatilha kompletament minhabba f'dak li ghaddiet minnu.**"[2]

Dana huwa prova cara illi l-parti leza ma setghet qatt tivvinta storja fil-konfront ta'l-imputat sabiex tivvendika ruhha minnu. Jidher illi l-karattru ta'l-imputat ma huwiex wiehed facli tant illi huwa spicca jiggieled anke ma' uliedu stess. Jidher illi kien hemm disgwid bejn l-imputat u ibnu Horace, kemm fil-passat kif ukoll issa fil-prezent. Dana l-atteggjament ta'l-imputat fil-konfront tal-mara ta' ibnu certament ma ghenietx is-sitwazzjoni difficli ta' dina l-familja. Meta mistoqsi 'il ghala l-parti leza kellha tivvinta storja bhal din fuqu, huwa jibqa ma iwegibx ghal dina il-mistoqsija b'mod car. Ighid illi ibnu u familtu baqghu ighixu mieghu ghax ma kienx jitlobhom hlas ta' kera u hekk kif sabu post qabbdu u telqu minghajr ma infurmawh. Fil-fatt jirrizulta illi ibnu u martu qabbdu u telqu mid-dar ta'l-

[1] Ara xhieda ta' Mariella Camilleri a fol.42
[2] Ara xhieda ta' Mariella Camileri a fol.39

imputat hekk kif Christine fethet qalbha u tkellmet dwar l-abbuz li kien qieghed isehh mill-imputat fil-konfront taghha. Illi l-Qorti tistqarr illi lill-imputat ma temmnux. Huwa jibqa’ jipprova jahbi dak li kien jaghmel lill-mara ta’ ibnu u ghalhekk jichad dak li qed jigi allegat fil-konfront tieghu minghajr ma jaghti spjegazzjoni plawsibbli.

Illi l-imputat jinsab akkuzat kemm bir-reat tal-attentat vjolenti ghall-pudur, kif ukoll bir-reat tal-fastidju jew ‘l hekk imsejjah “harassement”.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gerald Cassar (deciza fit-18 ta’ Lulju 1959) gie deciz:

“***L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu ‘attentat’ fis-sens ta’’osare’, ‘ardire’, ‘thebb’ – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contra la di lei volonta. (Carrara, Programma – 1542)”***

***“Nell’essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.***”

Illi f’dana il-kaz jirizulta ukoll l-aggravju kif previst fl-artikolu 202(*h*)(v)(vii), billi fiz-zmien li sehh ir-reat l-parti leza kienet tghix fl-istess dar ma’l-imputat kif ukoll kienet tigi minnu biz-zwieg.

Illi dwar l-akkuzi tal-*harassement* jew inkella ta’l-hekk imsejjah fastidju kif previst fl-artikoli 251A u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawn il-ligi titkellem fuq l-imgieba tal-persuna jew inkella kif hemm fit-test ingliz “*a person who pursues a course of conduct*”. Dana ifisser illi sabiex jissussiti ir-reat irid ikun hemm ghal ta’l-inqas zewg okkazzjonijiet fejn l-persuna akkuzata tkun qed taghti dana il-fastidju. Incident wiehed u izolat ma huwiex

bizzejjed. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

"Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."***

Il-Qorti tghaddi biex tikkwota l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :

**"How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Illi fix-xhieda taghha, Christine Bianco titkellem fuq imgieba minn naha ta'l-imputat mifruxa fuq medda ta' tlett xhur, imgieba li kienet tigi ripetuta kull meta l-imputat kien isib ruhu wahdu maghha tant illi hija bdiet tibza minn dina l-attitudni tieghu fil-konfront taghha. Hija kienet taghmilha cara mieghu li ma kenitx qed tiehu gost b'dina l-imgieba

tant illi kienet turih dan kemm b'mod fiziku billi timbuttah u anke bil-fomm meta bdiet theddu li kienet ser tikxfu ma' zewgha. L-imputat fil-fatt offrielha l-flus sabiex hija izzomm halqha maghluq izda l-parti leza tant ma felhitx tissaporti dina is-sitwazzjoni li fl-ahhar fethet qalbha ma' persuna ta' fiducja u cioe' mal-Probation Officer Mariella Camilleri.

Illi madanakollu l-ewwel imputazzjoni u it-tieni u it-tielet imputazzjonijiet huma komprizi f'xulxin billi ir-reat tal-attentat fuq il-pudur sarraf fir-reat tal-fastidju.

Illi meta tigi beix tqies il-piena li ghandha tii inflitta l-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni familjari turbolenti li tezisti f'dina l-familja. L-imputat huwa ragel anzjan li l-karattru u l-imgieba tieghu kemmxejn difficli, wassal sabiex bieghed lil ibnu u lil familtu minnu. Dak illi ghamel fil-konfront tal-mara ta' ibnu huwa ghal kollox inaccettabbli. Madankollu l-Qorti hija tal-fehma illi f'dina s-sitwazzjoni piena kacerarja effettiva ma tkunx idonja izda tista issarraf biss f'iktar animosita minghajr ma l-imputat jirrealizza bl-izbalji kbar illi huwa ikkometta f'hajtu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 207, 202(*h*)(v)(vii), 251A u 251B, 17(h), 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum b'dan illi l-imputat ghandu jinghata l-kura li ghandu bzonn sabiex jeghleb il-problemi li ghandu f'hajtu.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza jew jekk huwa jonqos milli jobdi l-ordni imposta fuqu illum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------